Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,509, 12 ta' Novembru, 1991
Taqsima B

A.L. 174 ta' l-1991

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-'INCOME' (KAP. 123)

Ordni ta' l-1991 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-'Income' dwar 'Stock' Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp (Nru. 15)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi ordna li l-ewwel Lm50 imgħax kull sena li tirċievi persuna f'isimha fuq is-Sitt Ħruġ ta' Lm2,500,000 6.5% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1996/97 kif avżat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 15,489 ta' l-1 ta' Ottubru, 1991 (A.L. 152 ta' l-1991) għandhom ikunu eżentati mill-ħlas tat-taxxa fuq l-*income*. F'każ ta' koppja miżżewġa, din l-istess eżenzjoni tapplika wkoll għal *Stock* f'isem il-mara.